# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 29 ta' Mejju tas-sena 2001.**

**Numru 14**

**Avviz numru 1322/00/SM**

**Equipment Hire Limited**

**vs**

**Aphron Agius**

**Il-Qorti,**

**Rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' tmien mit lira u erbghin centezmu (LM800.40,0) rapprezentanti prezz ta' kiri ta' ghodda minghand l-istess socjeta' attrici, kif ukoll li jirritorna, fi zmien qasir u perentorju kif stabbilit minn din l-Onorabbli Qorti, l-apparat li gie mikri ghandu u li hu zamm fil-pussess tieghu, u li fin-nuqqas, ta' apparat gdid ta' valur kummercjali simili ghall-istess, u cioe' (LM136) mija u sitta u tletin Lira Maltin;**

**Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' LM6.50 tal-ittra legali datata 28 ta' Frar 2000, u tal-Ittra Ufficjali datata 7 ta' Settembru 2000 u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-fattura relattiva, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni;**

**Wara li rat in-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (Art 698 (2) u 702 Proc Civili);**

**Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx, la fl-24 ta' Mejju tas-sena 2001 meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;**

**Tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici bl-ispejjez kontra l-konvenut.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**